Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2016

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Franciz Mazzelli u l-istess Francis Mazzelli (appellanti)**

**Vs**

**Joseph Barbara (appellat)**

3 ta' April, 2017.

1. Ir-rikorrenti appellew mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-15 ta' Frar, 2016 li biha cahad it-talba taghhom ghad-danni wara incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' Dicembru, 2009 gewwa Marsa Bypass, Marsa bejn l-vettura CAE 074 proprjeta ta' Mazzelli u l-vettura LVY 102 li kien qieghed isuq l-intimat.

2. L-aggravju tar-rikorrenti hu dwar l-apprezzament tal-provi. Huma jsostnu li t-Tribunal tal-Arbitragg kellu jikkonkludi li effettivament il-kollizzjoni kienet sehhet u l-intimat kien responsabbli ghaliha.

3. L-intimat ma wegibx bil-miktub.

4. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2017 saret it-trattazzjoni.

5. F'dan il-kaz jirrizulta mill-atti li l-provi kienu nstemghu mit-Tribunal tal-Arbitragg li kien diversament kompost minn dak li eventwalment iddecieda l-kaz.

6. Ir-rikorrenti talbu l-hlas tas-somma ta' €815.81 in kwantu ghal €55 *excess payment* li hallas ir-rikorrent, u €760.81 hsara li saret fil-vettura Toyota Tercel CAE 074. Fir-*road accident report* jinghad li:

   (a) **Mazzelli qal**:

   *"Kont ghaddej minn Marsa Bypass fuq il-lane ta' barra u f'hin minnhom ghadda van min-naha ta' gewwa u x'hin ipprova jaqlani laqatli l-genb tal-vettura tieghi. Jien hadt in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura l-ohra li hu LVY 102 tal-ghamla Ford Transit. Jien bdejt indoqq il-horn biex jieqaf izda dan baqa' sejjer. Rajtu jieqaf u nizel minn gol-van. Dahar mal-van u rikeb u saq".*

   (b) **Rosario Blackman qal**:

*"Rajt il-van Transit ser jaqlana min-naha ta' gewwa u laqatna hekk ezatt kif gibed ghal fuqna. Ix-xufier beda jdoqq il-horn biex tal-van jieqaf. Sid il-van waqaf ftit il-boghod. Hareg minn gol-van. Dahar dawra mieghu, rikeb u telaq"*.

(c) **Barbara qal**:

*"Kont ghaddej bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY 102 tal-ghamla van transit minn Marsa Bypass, Marsa mil-lane ta' gewwa. Qlajt vettura u smajt horn idoqq. Bqajt sejjer. Mill-mera rajt vettura bajda wieqfa fil-boghod. Waqqaft il-van, inzilt nittawwal dort mieghu u ma rajt xejn. Irkbit il-van u soqt biex inkompli bil-vjagg tieghi"*.

Skont l-istess rapport il-hsara fil-vettura ta' Mazzelli kienet: *"Scratch on front left side bumper black colour, on indicator lens, on front left mudguard"*, filwaqt li l-van ma kellux hsara.

7. Mill-provi rrizulta li fil-hin tal-allegat incident iz-zewg vetturi kienu ghaddejjin fl-istess direzzjoni, u l-vettura li kien qieghed isuq l-intimat dahlet fil-karreggata li minnha kienet ghaddejja l-vettura ta' Mazzelli. Kien waqt dik il-manuvra li Mazzelli qal li sehh l-impatt. Hemm zewg verzjonijiet li jikkontrastaw lil xulxin. F'dan ir-rigward:

   I – Ma jirrizultax li l-vettura ta' Mazzelli kienet involuta f'xi incident precedenti u fil-vettura kien hemm passiggier (Blackman) li kkonferma li sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi.

   II- Il-vettura ta' Barbara ma kellhiex hsara (ara deposizzjoni tas-surgent Hubert Gerada u *road accident report*).

   L-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrenti. Mill-hsara li saret fil-vettura ta' Mazzelli hu evidenti li din kienet minima. Fil-fehma tal-qorti il-fatt li l-vettura ta' Barbara ma kellhiex hsara m'hijiex xi prova li l-incident qatt ma sehhx u li ghalhekk ir-rikorrent u Blackman gidbu. L-intimat kien qieghed isuq van. Kif sehh l-allegat impatt, ir-rikorrent daqq il-horn u l-intimat waqaf iktar 'il quddiem u nizel mill-vettura. Fi kliemu:

*"Saqsejt lill-passigieri kinux semghu xi hoss, u huma wegbuni illi kienu semghu biss il-horn…..*

*"Inzilt biex nara x'hemm u x'mhemmx fuq il-van forsi dal-bniedem kont ilqattu jew xi haga hekk. Il-van ma kellu ebda hsara….*

*"Jien sellimtlu ghax hsibt li forsi kont nafu, u tlaqa' 'l hemm…..*

*"Meta hrigt u dort mal-van biex nara x'ghandu, niftakar illi kien hemm almenu persuna wahda zgur illi kienet harget mill-vettura l-ohra, li kienet ghadha wieqfa f'dak il-hin"*.

Jekk l-intimat xehed is-sewwa hu evidenti li ma jafx x'gara, cjoe' sehhx impatt bejn iz-zewg vetturi. Il-qorti hekk biss tista' tispjega il-fatt li:-

i. Staqsa lill-passiggieri jekk semghux hoss;
ii. Waqqaf il-vettura u dahar maghha biex jara kellux hsara;

Imbaghad li jghid li sellem lir-rikorrent ghaliex haseb li forsi kien jafu, ghandu mill-inkredibbli. Minflok l-appellat mar jara x'inqala', qabad u telaq minn fuq il-post ghaliex fi kliemu ma kienx hemm hsara fil-van tieghu.

8. Il-qorti tosserva wkoll li fid-difiza tieghu l-intimat ma kkontestatx li sehh l-incident. Fil-fatt fl-ewwel eccezzjoni ddikjara:

*"1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tkun respinta stante li l-incident tat-traffiku de quo ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tieghu izda sehh bi htija tar-rikorrenti Francis Mazzell"*.

L-intimat ma ddefendix ruhu billi ddikjara li l-incident ma sehhx, kif il-qorti tippretendi li kien jaghmel li kieku verament ma kienx hemm kuntatt bejn iz-zewg vetturi.

9. Il-qorti lanqas ma tqies li hu verosimili li kieku ma sehhx l-impatt ir-rikorrent kien ser idoqq il-horn u jieqaf fi triq principali kif inhi Marsa Bypass u sahanistra jinzel mill-vettura. Il-verzjoni tar-rikorrent giet korraborata mill-passiggier li kien hemm fil-vettura mieghu. Hu veru li dwar dan ix-xhud l-arbitru qal:

*"L-arbitru ma qedx ighid li dan ix-xhud gideb, izda solament li* ***l-verzjoni tieghu m'hijiex sodisfacenti biex jintlahaq certu grad ta' probabilita biex l-intimat jinstab responsabbli tal-akkadut****"*.

Madankollu l-arbitru ma qalx ghalfejn din il-verzjoni m'hijiex sodisfacenti. Meta xehed irrepeta dak li kien qal lill-pulizija meta sar ir-rapport tal-incident. Minn din id-deposizzjoni hu evidenti li l-intimat dahal f'karreggata ohra minghajr m'accerta ruhu li kien hemm bizzejjed distanza bejn il-vettura li kien qed isuq u l-vettura ta-rikorrent. Jirrizulta li l-impatt sehh proprju waqt li l-intimat kien ghadu qieghed jaghmel il-manuvra biex jidhol fil-karreggata l-ohra.

10. Fuq bazi ta' probabilta l-qorti tqies li l-verzjoni tar-rikorrent hi ferm iktar kredibbli minn dik tal-konvenut cjoe' li l-vettura tieghu ntlaqtet minn dik li kien qieghed isuq l-intimat. Ghal dak li jirrigwarda responsabbilta, hu evidenti li kienet il-manuvra li ghamel l-intimat li ta lok ghal dan l-incident. Li kieku kif qal l-intimat kien qieghed ihares mill-mera tal-gemb tal-vann, kellu jara l-vettura tar-rikorrent. L-intimat kellu d-dmir li qabel jibdel il-karreggata jizgura li din il-manuvra seta' jaghmilha minghajr xkiel lill-vetturi ghaddejjin fil-

karreggata li dahal fiha. Ghall-qorti hu evidenti li l-intimat ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*, in kwantu mid-dinamika tal-incident kien waqt din il-manuvra li l-vann mess mal-parti ta' quddiem tal-vettura tar-rikorrent.

11. Fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2013 l-intimat iddikjara li m'huwiex jikkontesta l-*quantum* tad-danni. Ghalhekk l-ammont li ser ikollu jhallas hu proprju dak li talbu r-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-15 ta' Frar, 2016 u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta' tmien mija u hmistax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu (€815.81), in kwantu ghal hamsa u hamsin ewro (€55) lir-rikorrent Mazzelli u l-kumplament lis-socjeta rikorrenti. L-imghax jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-intimat.**

Anthony Ellul.